# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 5 ta` April 2022**

Appell numru 73/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Mario BRIFFA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' Frar 2021 fil-konfront ta' Mario BRIFFA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 167573(M) li ġie mixli talli (in suċċint):

    i. Fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli nhar is-7 ta' Lulju 2016 u matul il-ġurnata u/jew il-ġranet ta' qabel fi Plot 24 Triq Gianni Vella Mosta fil-kapaċita' tiegħek personali u/jew bħala persuna li qed tagħmel xogħol inqast milli tħares is-saħħa u s-sigurta tiegħek kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi inqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u nqast milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġonevolment prattiku billi inqast milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex waqgħat mill-għoli ikunu fiżikament evitati. Inqast ukoll li tiżgura li x-xogħol

fil-għoli jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-użu tal-apparat ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol għandhom ikunu pprovduti u għandhom jintużaw mezzi adatti tal-aċċess u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurta'. Inqast ukoll li tiżgura li poġġamani ta' protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien u dan ai termini tal-Artikolu 7(1) ta' Att 27/2000 Kap 424 u Reg. 5 tal-Iskeda IV (parti B, Sezzjoni II) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).;

ii. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi inqast milli tagħmel użu minn slielem b'saħħithom biżżejjed u miżmumin sewwa u dan ai termini tar-Reg. 6.4 (parti B, Sezzjoni II) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

iii. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li kont qiegħed twettaq ix-xogħol, inqast li tiżgura li s-sit tal-kostruzzjoni jinżamm tajjeb u fi stat ta' ndafa sodisfaċenti u dan ai termini tal-artikolu 7(a) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa telf u ħames mitt ewro (€1,500).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant BRIFFA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn instab ħtija tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u fejn ikkundannatu għall-multa ta' Ewro 1,500 u minflok tilliberah mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. Fl-ewwel aggravju l-appellant jisħaq li sabiex tinstab ħtija fl-appellant kien jeħtieġ illi l-ewwel jiġi ppruvat li l-appellant kien il-kuntrattur inkarigat biex jieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol dakinhar tal-akkuża. Mix-xhieda ta' Elizabeth Saliba jirriżulta li kien hemm diversi kuntratturi u li l-appellant kien wieħed mill-main contractors, illi pero' ma nġabitx dokumentazzjoni f'dan is-sens. L-ispettur tal-OHSA dakinhar tal-ispezzjoni ma sabet lil ħadd mill-impjegati tal-appellant jaħdmu. Illi kull ma sabet kienu l-persuni preżenti li kienu qegħdin ikejlu x-xogħol liema attivita' fiha nnifisha kienet tfisser li l-appellant kien lest minn hemm għaliex il-kejl isir biex wieħed jitħallas tax-xogħol li jkun għamel. Il-Qorti

naqset milli tagħti piż xieraq għal dak li qal Emanuel Vella li xehed li huwa kien inkariga lil Bertu Xuereb bħala kuntrattur fuq is-sit u l-ħlasijiet kien għamilhom lilu. L-appellant għalhekk ma jistax jinstab ħati tan-nuqqasijiet ta' Bertu Xuereb.

ii. It-tieni aggravju jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Ġjaladarba ma jirriżultax li dakinhar tal-ispezzjoni kien għaddej xi xogħol fuq is-sit u ma kienx hemm persuni qegħdin jużaw is-slielem u billi ma jirriżultax li l-Ispettur għamlet xi forma ta' eżami fuq l-istess sellum imma għamlet biss assunzjoni li s-sellum ma kienx ta' materjal adegwat, allura l-appellant ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'
>
> 23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:
>
> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'
>
> 24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).
>
> 25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-

rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus

Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:’

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta’ dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma’ provi u ċirkostanza oħra tista’ wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.’ (1 t’April 2011 ‘Il-Pulizija versus Fabio Schembri’ preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta’ Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b’dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta’ x’qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta’ data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma’ lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta’ analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa’ Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa

minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi nhar is-7 ta' Lulju 2016, Elizabeth Sharon Saliba, uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, għamlet ispezzjoni fl-indirizz Plot 24, Triq Gianni Vella, l-Mosta fejn irriżultaw numru ta' nuqqasijiet li hija vvalutat li kienu ta' perikolu għall-

ħaddiema ġewwa dak is-sit. Hija pproċediet billi ħadet numru ta' ritratti u kklassifikat il-post tax-xogħol bħala '*unsafe'* minħabba dak li jissejjaħ '*lack of proper housekeeping'* u ma kienx hemm prevenzjoni minn waqgħat mill-għoli. L-Uffiċjal irraportat ukoll li l-aċċess għas-sit ta' kostruzzjoni in kwistjoni ma kienx adegwat u kien hemm sellum li kien jidher li kien qiegħed fuq is-sit u jidher perikolanti hemm kwantu għall-materjal li kien magħmul minnu kif ukoll minħabba li l-post li kien qed jintuża fih ma kienx f'pożizzjoni tajba peress li l-art taħtu ma kienetx livellata. Saliba nnutat ukoll li Mario Briffa, l-appellant, kien fuq is-sit u ma kellux *safety shoes*.

30. Illi dawn in-nuqqasijiet ġew irraportati lil Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol u sussegwentement ittieħdu dawn il-proċeduri kontra Mario Briffa, bħala persuna li rriżultat li kienet is-sub-kuntrattur tas-sit in kostruzzjoni in kwistjoni u li kien għamel xi xogħol f'dak is-sit bħala bennej.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

31. Is-soluzzjoni ta' din il-vertenza teħtieġ analiżi tal-irwol kellu l-appellant f'dan il-każ fit-twettieq tal-proġett ta' kostruzzjoni li kien qiegħed isir fi Plot 24, Triq Gianni Vella, l-Mosta fis-7 ta' Lulju 2016 u fil-ġranet preċedenti.

32. Il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jorbot lil 'min iħaddem' u lil 'ħaddiem' bl-obbligu li jassikuraw li b'ħidmithom ma jipperikolawx il-ħajja, is-saħħa u s-sikurezza ta' kull persuna li tista' tiġi affetwata minn dak ix-xogħol. Dan l-obbligu jikkonsisti f'li jkunu mfassla u osservati normi ta' prevenzjoni li jassikuraw post tax-xogħol ħieles minn perikli li jistgħu jiġu kemm antiċipati kif ukoll allura evitati. L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi 'ħaddiem' u 'min iħaddem' hekk:

> "**ħaddiem**" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment;

"**min iħaddem**" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew **subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz**[10] jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi,

33. Id-dmirijiet ta' "ħaddiem" u dawk ta' "min iħaddem" huma msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Liġi toħloq xibka ta' regoli li japplikaw kemm għal min iħaddem daqskemm għal min jaħdem fuq "post tax-xogħol".

34. Il-prinċipju regolatur għal "min iħaddem" huwa li :

(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:

35. Imbagħad jiġu elaborati f'ċertu dettall u b'illustrazzjoni konkreta ta' dawk il-miżuri kif riflessi fi prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol.

36. Mill-banda l-oħra, "il-ħaddiem" ukoll huwa fid-dmir li :

jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra lijistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.
(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandux'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà.

37. Dawn huma dmirijiet kumplimentari, kumulattivi u mhux mutwalment esklussivi, in kwantu l-proviso tal-artikolu 6(1) tal-imsemmi Kap jgħid ċar u tond li:

Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:
Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.

38. Apparti minn hekk, anke l-figuri ta' "ħaddiem" u "min iħaddem" infushom huma kumplimentari u bl-ebda mod ma huma mutwalment esklussivi in kwantu persuna li tkun qed tagħmel "xogħol" f'"post tax-

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

xogħol" tista' tkun qegħda taġixxi kemm bħala persuna li tkun qegħda tħaddem lil xi "ħaddiem" (biex b'hekk takkwista l-kwalifika ta' "min iħaddem"), kif ukoll hi stess tista', fil-każijiet kongruwi u kontemporanjament, tkun qegħda taġixxi ta' "ħaddiem" fuq l-istess "post tax-xogħol". Dan isir b'mod partikolari minn persuni li jkunu jaħdmu għal rashom jew jimpjegaw lilhom infushom filwaqt li jiġġestixxu attivita ta' provvista ta' "xogħol" billi jkollhom ħaddiema impjegati magħhom biex iwetqu x-"xogħol" u fl-istess ħin, dik l-istess persuna li tkun qed tiġġestixxi l-provvista ta' xogħol tagħmel ukoll, hi stess, xogħol ta' "ħaddiem" fuq l-istess "post tax-xogħol" flimkien mal-persuni li tkun qabdet bħala "ħaddiema" magħha fil-provvista ta' dak ix-"xogħol".

39. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni xliet lil Mario BRIFFA fil-**vesti tiegħu personali u bħala persuna li kienet qiegħda tagħmel xogħol.** Din il-lokuzzjoni ma hija xejn feliċi in kwantu kemxejn sibillina dwar ir-rwol tal-persuna inkriminata. Hija lokuzzjoni li ġġiegħel lil Qorti, tabilfors, li tkun trid tistħarreġ b'iktar reqqa l-kliem użat fit-tfassil tal-imputazzjoni biex tiddetermina bi preċiżjoni x'kien l-involviment tal-persuna imputata biex b'hekk tara jekk jistax jinkwadra taħt it-tifsira ta' "min iħaddem" jew "ħaddiem" jew it-tnejn. Kien ikun iżjed għaqli għall-Prosekuzzjoni li tkun ferm aktar ċara u diretta dwar il-kapaċita li fiha tkun qegħda tixli lill-imputat taħt dawn il-Liġijiet u regolamenti. Il-mod kif il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat appellant seta' jqanqal dubju fejn ma kellux ikun.

40. F'dan il-każ dil-kjarezza kienet iżjed meħtieġa peress li l-provi juru li l-appellant kien jikkwalifika kemm bħala "min iħaddem" fis-sensi tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bħala "ħaddiem" fis-sensi tal-artikolu 7 tal-istess Kap.

41. Kien jikkwalifika taħt l-artikolu 6 tal-Kap 424 in kwantu l-provi juru li huwa kien ukoll "subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi". Mill-banda l-oħra l-istess provi juru kif huwa kien ukoll jikkwalifika bħala "ħaddiem" in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi quddiemha li bis-saħħa tagħhom setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant, apparti li kien subkuntrattur, kien ukoll reġistrat mal-Jobsplus bħala "*self-employed*" kif ukoll, anke kif xehed Emanuel Vella u mhux kontradett mix-xiehda tal-appellant stess, meta meħtieġ, l-appellant kien jippresta l-opera manwali u direzjonali tiegħu fuq "post tax-xogħol". B'hekk huwa

milqut ukoll mill-obbligi li jitnisslu taħt l-artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

42. Kif intqal, huwa ġie mħarrek fil-vesti tiegħu personali u mhux f'isem xi soċjeta kummerċjali. S'hemmhekk ma jidherx li hemm kontestazzjoni. Iżda imbagħad huwa ġie mħarrek ukoll bħala "persuna li kienet qegħda tagħmel xogħol". Din il-lokuzzjoni mhix deskritta taħt il-Liġi u r-regolamenti viġenti fiż-żmien meta seħħ l-allegat reat u tista' tirreferi kemm għal min iħaddem kif ukoll għal ħaddiem in kwantu bil-Malti sempliċi persuna tista' tkun qegħda tagħmel xogħol kemm jekk hija tkun qegħda impenjata manwalment fit-twettieq tax-xogħol daqskemm jekk tkun responsabbli mill-ġestjoni u direzzjoni tal-opera manwali ta' dak ix-xogħol.

43. Biss il-kliem użat mill-Prosekuzzjoni fl-isteżura tal-ewwel imputazzjoni huwa iżjed konsoni mar-rwol tal-appellant bħala 'ħaddiem'. Fil-fatt fl-ewwel parti tal-ewwel imputazzjoni ċ-ċitazzjoni titkellem fuq l-obbligu tiegħu li "**jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir**". Dan il-kliem jirrifletti l-lokuzzjoni adoperata mit-test tal-Liġi fl-Artikolu 7(1) tal-imsemmi Kapitolu **u mhux daqstant** dak taħt l-artikolu 6(1) li jgħid li min iħaddem irid dejjem "**jiżgura is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem**".

44. Dan huwa wkoll imsaħħaħ bil-fatt li l-Prosekuzzjoni allegat il-ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, aktar milli l-ksur tal-artikolu 6 tal-istess Kap. Dan peress li hija ċitat speċifikament dak l-artikolu fiċ-ċitazzjoni. Issa huwa minnu li kif ġie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati li l-inklużjoni jew l-esklużjoni fiċ-ċitazzjoni tal-artikoli tal-Liġi da parti tal-Prosekuzzjoni huwa fih innifsu inkonsegwenzjali. Iżda f'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u ċċitat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta (kif del resto riedet bilfors tagħmel skont il-Liġi sabiex tirrifletti l-akkuża kif miġjuba). B'hekk jista' jingħad b'sikurezza li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-imputat appellant bħala li kien naqas li jottempora ruħu mal-obbligi naxxenti mill-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta trattanti **d-dmirijiet tal-ħaddiem** u mhux ukoll ta' dik il-persuna li tħaddem.

45. Il-Prosekuzzjoni kellha l-għażla li tara kif tixli lil Ġudikabbli. F'dan il-każ għażlet li tixli lill-appellant fil-vesti tiegħu ta' "ħaddiem" aktar milli dik ta' persuna li tikkwalifika bħala "min iħaddem". Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet favur dan l-argument. Issa allura parti mill-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti huwa tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tar-reati miġjuba kontra tiegħu fl-imputazzjonijiet de quo fil-kapaċita tiegħu ta' 'ħaddiem' fis-sensi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

46. Mill-provi jemerġi b'mod ċar li l-appellant kien subkutrattur li kien ġie mqabbad minn Albert Xuereb biex jagħmel "xogħol" fuq is-sit in kwistjoni. Versu l-persuni impjegati miegħu u li ġew ingaġġjati biex iwetqu x-"xogħol" minnu, l-appellant jista' jitqies bħala "min iħaddem". Iżda fil-konfront tar-relazzjoni tiegħu ma' Albert Xuereb, l-appellant jiġi li jikkwalifika bħala persuna li kienet "ħaddiem" : mhux daqstant fis-sens li l-appellant kien impjegat ta' Albert Xuereb, daqskemm li jaqa' taħt dik il-parti tat-tifsira ta' "ħaddiem" li tinkludi wkoll kull "persuna li timpjega lilha nnifisha".

47. L-appellant ġie mqabbad minn Albert Xuereb sabiex jagħmel ix-xogħol tal-kostruzzjoni fuq is-sit Plot 24 Triq Gianni Vella, l-Mosta; u l-appellant għamel dan *in proprio* ossija bħala persuna li taħdem għal rasha (u li kellu wkoll nies miegħu fit-twettieq ta' dak ix-xogħol) **<u>iżda mhux</u>** bħala impjegat ta' Albert Xuereb. Skont din il-Liġi l-appellant xorta waħda jikkwalifika fil-qafas tal-kelma "ħaddiem" peress li l-appellant kien jaħdem bħala "*self employed*" u persuna *self employed* taqa' taħt din il-Liġi bħala "persuna li timpjega lilha nnifisha" u allura xorta waħda tiġi li hija "ħaddiem" għall-fini ta' din il-Liġi. Dan huwa imsaħħaħ mix-xiehda ta' Joseph Saliba bħala rappreżentant tal-Jobsplus li eżebixxa DOK JS1 f'foljo 26 tal-atti proċesswali u liema dokument juri kif fil-perjodu tal-akkużi l-appellant kien irreġistrat bħala 'self-employed' mal-awtorita' rilevanti.

48. F'paġna 43, Emanuel Vella jixhed kif huwa kien is-sid ta' dak is-sit in kwistjoni u li kien inkariga lil Albert Xuereb bil-proġett, tant li l-ħlasijiet kien jgħaddihom lilu. Vella jgħid ukoll li kien Xuereb li qabbad lill-appellant BRIFFA bix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-imsemmi proġett. F'paġna 44 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid hekk:

> PL S: Mela jista' jixhed liberament issa. Em, issa Sur Vella fuq dan is-sit x'kien ix-xogħol?
> Xhud: Proġett ta' bini li jien ma tajtux lil Marju Briffa, tajtu lil Bertu Xuereb u hu naħseb, insomma mhux naħseb qabbad lil Mario biex jaħdem.

49. L-istess jixhed f'paġna 46 tax-xhieda tiegħu:

PL S; inti bħala sid il-binja tajt il-kuntratt ta' xogħol lil Xuereb u dan qabbad lil Briffa.
Xhud; Hekk hu.

50. U li l-appellant kien imqabbad minn Albert Xuereb jixhidha l-appellant stess f'paġna 55 tax-xhieda tiegħu:

Av: Mela min qabbdek tagħmel xogħol fuq dan is-site?
Xhud: Min qabbadni?
Qorti: Iva iva.
Xhud: Bertu.
Qorti: X'inkarigat tagħmel?
Xhud: Qalli naħdimlu dik il-blokka, intellagħha.
Qorti: Ok.
Xhud: Hu kien jiġifieri **sub-contractor tiegħu kont**,[11] għax ix-xogħol ħadtu mingħand ħaddieħor, qed tifhimni?

51. Għalhekk b'referenza għall-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li jista' jingħad b'sikurezza li BRIFFA kien ukoll 'ħaddiem' fuq is-sit in kwistjoni in kwantu kien ukoll persuna li timpjega lilha nnifisha u li kienet qegħda tagħmel "xogħol" fuq "post tax-xogħol". L-appellant bħala 'ħaddiem' jirriżulta li hu stess kien imidd idejh manwalment[12] sabiex isir ċertu xogħol fis-sit in kwistjoni. B'hekk huwa kellu l-obbligu li jassikura li b'ħidmitu ma jagħtix lok għal perikli għas-saħħa tal-bniedem in kwantu bħala "ħaddiem" l-appellant kien marbut bid-dmirijiet li jippreskrivi l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

7.(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.

52. Illi f'paġna 30 tax-xhieda ta' Elizabeth Sharon Saliba toħroġ stampa ċara ta' sit ta' kostruzzjoni li ma kienx miżmum tajjeb u kien jippresta numru ta' nuqqasijiet li jafu jkunu ta' perikolu kemm għal dik tal-ħaddiem stess kif ukoll għal kull persuna oħra li taċċedi għas-sit in kwistjoni. Tali xhieda ġiet imsaħħa minn numru ta' ritratti tas-sit in kwistjoni li juru dak il-'*lack of proper housekeeping'* li titkellem fuqu x-xhud. Mir-ritratti numru 1, 2, 8 u 10 jidher sit ta' kostruzzjoni li kien jippreżenta perikolu li wieħed jaqa' u jweġġa', bl-art li wieħed imidd

[11] L-enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Ara xhieda ta' Emanuel Vella f'paġna 48.

saqajh fuqha ma kienetx livellata u l-perkors kien mimli imbarazz u ostakli. Saħansitra fir-ritratti numru 1 u 8 jidhru anki msiemer imsadda ħerġin minn fallakki mitfugħin mal-art, biċċiet ta' briks u franka mitluqa fin-nofs, u spazji mhux koperti, eċċetra. Id-dehra ċara hija ta' post tax-xogħol traskurat u perikolanti għal min jidħol fih, anke jekk ikun tas-sengħa.

53. Mhux ikkontestat li dawn ir-ritratti ttieħdu nhar is-7 ta' Lulju 2016. L-appellant jikkontendi li dakinhar kien preżenti fuq das-sit biex jitkejjel ix-xogħol u jiġbor flusu stante li jgħid li x-xogħol kien wieqaf. Anke jekk dan huwa minnu, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellant fis-sens li ladaraba huwa qal li x-xogħol kien wieqaf allura allura kellu jiġi meħlus minħabba li r-ritratti kienu allura juru l-istat tas-sit in kwistjoni f'ġurnata meta ma kienx għaddej xogħol minnu.

54. Id-dmirijiet naxxenti mill-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jittraxxendu ż-żmien in kwantu l-obbligu li l-ħaddiem jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' persuni oħra ma jieqafx mal-mument li huwa ma jkunx iktar qiegħed jagħmel xogħol fiżiku fuq il-post tax-xogħol iżda huwa jibqa' hekk marbut anki jekk wara li jispiċċa xogħolu jekk fuq is-sit ikun għad fadal perikoli li jkun ħalla huwa stess hemmhekk bħala riżultat ta' dak li jkun wettaq meta x-xogħol ikun għadu għaddej. In effetti jirriżulta wkoll li l-parametri temporali tal-imputazzjonijiet kienu jinkludu d-data ta' meta saret din l-ispezzjoni kif ukoll il-ġranet ta' qabel. Għalkemm jgħid li dakinhar ma kienx impenjat fuq xogħolijiet f'dak is-sit, ma hemmx kontestazzjoni li fil-ġranet ta' qabel kien fil-fatt ingaġġjat fil-bini ta' dak is-sit.

55. Apparti minn hekk, anke jekk huwa spiċċa x-xogħol tiegħu, jibqa' l-fatt li l-istess sit kien xorta waħda għadu aċċessibbli minn persuni oħra. Wieħed mill-iskopijiet wara dawn ir-regolamenti huwa preċiżament li jkun protett l-istess ħaddiem bħal persuni oħra li jaċċedu għal sit bħal dak, sabiex ebda tali persuna ma tkun suġġetta għal xi korriment minħabba nuqqas li jkun attriwibbli għax-xogħol li jkun wettaq il-ħaddiem f'xi żmien qabel.

56. U dan il-fatt li s-sit seta' jiġi aċċessat minn ħaddieħor xehditu wkoll Elizabeth Sharon Saliba meta f'paġna 38 tax-xhieda tagħha tispjega kif jidher l-aċċess għas-sit minn ritratt f'foljo 10. Di piu', kif del resto sostniet l-istess xhud, dakinhar tas-7 ta' Lulju 2016 fuq is-sit kien hemm tal-inqas tlieta min-nies, inkluż l-appellant, liema

persuni allura kellhom id-dritt li jiġu ssalvagwardjati fis-saħħa u l-inkolumnita tagħhom. Bħala "ħaddiem" l-appellant kien għadu, sa dak il-punt marbut b'dawk l-obbligi previsti mill-Artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

57. Mistqarr dan, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolement issib ħtija fl-appellant għal ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta anke meta wieħed iqis ukoll din il-Liġi fl-isfond tar-regolamenti maħruġa taħtha u li jispeċifikaw b'mod iżjed konkret id-dmirijiet ta' "ħaddiem". F'dan is-sens ukoll il-Prosekuzzjoni tixli lill-appellant bil-ksur tar-regolament 5 ta' Sezzjoni II, Parti B tar-Raba' Skeda tal-Avviż Legali 281 tal-2004.

58. Fl-Avviż Legali 281 tal-2004, li kien applikabbli fiż-żmien meta seħħew ir-reati de quo, l-appellant kien jaqa' taħt it-tifsira ta' "persuna mpjegata għal rasha", deskritta bħala "kull persuna, għajr persuna fl-impjieg, taħriġ jew apprendistat ta' kuntrattur, li l-attivita' professjonali tagħha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' progett." "Persuna impjegata għal rasha" tekwivali għal "persuna li timpjega lilha nnifisha" misjuba fit-tifsira ta' "ħaddiem" fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

59. Skont ir-regolament 9 tal-istess Avviż Legali 281 tal-2004:

> 9.(1) Sabiex tkun ippriservata s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, persuni li jaħdmu għal rashom għandhom:
> (a) partikolarment iħarsu dan li ġej, mutatis mutandis;
> (i) ir-rekwiżiti tar-regolamenti 7 u 15(2) tar-Regolamenti ta' l-2003 u r-regolament 8 **u l-Iskeda IV ta' dawn ir-regolamenti**.

60. Kjarament l-iskeda IV ta' dawk ir-regolament kienet applikabbli wkoll allura għal dawk il-persuni li, bħall-appellant kienu jaħdmu għal rashom billi jipprovdu "xogħol" f'"sit ta' kostruzzjoni". Fost dawk ir-regolamenti msemmija f'din l-iskeda, hemm dawk invokati mill-Prosekuzzjoni fis-Sezzjoni II, Parti B, fejn ir-regolament 5 kien jgħid hekk:

> 5. Waqgħat mill-għoli
>
> 5.1. Waqgħat mill-għoli għandhom ikunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti.

5.2. Il-prinċipju għandu jkun li xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurtà. Jekk l-użu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom ikunu pprovduti u għandhom jintuzaw mezzi adatti ta' l-aċċess u arnessi ta' sigurtà jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurtà.

5.3. Poġġamani ta' protezzjoni għandhom jitpoġġew madwar trombi u turġien.

61. Din il-lokuzzjoni ta' dawn ir-regolament tirrifletti sewwasew parti mill-lokuzzjoni adoperata mill-Prosekuzzjoni fl-isteżura tal-ewwel imputazzjoni. Mario BRIFFA, bħala "persuna impjegata għal rasha" li kienet qegħda tagħmel xi "xogħol" f'"sit ta' kostruzzjoni" kellha l-obbligu li tassikura li ma jkunx hemm waqgħat mill-għoli skont ir-regolament numru 5 tal-Parti B Sezzjoni II tal-Iskeda IV. F'dan is-sens, l-Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, f'paġna 30 tax-xhieda tagħha, tixhed kif ma kienx hemm ilqugħ sabiex jiġi protett persuna mill-perikolu ta' waqgħat mill-għoli u dan hekk kif rifless fir-ritratti numru 3, 4, 5, 6, 7, 9 u 11 esebiti bħala Dok. ESS1. Mir-ritratti jidher anke l-mod kif kienu ppustjati l-fallakki kienu perikolanti għall-ħaddiem. Dan mhux dak it-tgħamir li trid il-Liġi fl-imsemmija regolamenti sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' waqgħat mill-għoli.

62. Huwa minnu li l-ħaddiema fuq dawn is-siti tal-kostruzzjoni irabbu ċertu mod kif jadattaw ruħhom għal dawn il-perikli u jrabbu wkoll ċertu kuraġġ meta jkollhom jaħdmu f'dawk il-perikli. Iżda dan xejn ma jnaqqas mill-importanza tal-osservanza ta' dawn ir-regolamenti, imfassla biss bil-ħsieb li jiġu protetti persuni u b'mod partikolari l-ħaddiema li jmorru fuq "post tax-xogħol" biex jaqilgħu lira u mhux biex ikorru jew jiġu mmankati għal għomorhom, jekk tiġihom tajba! Il-Liġi ma tridx li dawn il-ħaddiema joħorġu mid-dar biex ma jerġgħux jidħlu lura. Dak huwa l-iskop ta' din il-Liġi.

63. Illi allura il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment issib ħtija wkoll għal ksur tar-Regolament numru 5 Parti B Sezzjoni II tal-Iskeda IV tal-Avviż Legali 281 tal-2004. Għalhekk l-aggravji tal-appellant b'rabta ma' din l-ewwel imputazzjoni qiegħdin jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tat-tieni aggravju tal-appellant.**

64. Illi a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li intqal iktar 'il fuq fir-rigward tal-applikabilita' ta' dawn ir-Regolamenti għa r-rwol tal-appellant bħala "persuna impjegata għal rasha" li kienet qegħda tagħmel "xogħol" f'"sit ta' kostruzzjoni" f'dan il-każ, Plot 24, Triq Gianni Vella, l-Mosta.

65. Issa, ir-Regolament 6.4, Parti B, Sezzjoni II, tal-Iskeda IV jippreskrivi s-segwenti:

> Is-slielem għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed u miżmumin sewwa. Għandhom jintużaw sewwa, f'postijiet adatti u skont l-iskop intenzjonat tagħhom.

66. Fir-rigward ta' x'tip ta' slielem kienu jidhru li qegħdin jintużaw fuq is-sit in kwistjoni, f'paġna 32 tax-xhieda tagħha, Elizabeth Sharon Saliba tixhed hekk:

> Xhud: Il-materjal ta' dak is-sellum mhux tal-istess materjal li ssib fuq is-sit ta' kostruzzjoni, safe biex wieħed jużah bħala aċċess.
> PL Saliba: X'materjal hu?
> Xhud: Dan aluminium.
> Qorti: Ġeneralment fuq sites bħal dawn xi slielem jintużaw?
> Xhud: Iżjed b'saħħithom ta' materjal iżjed robust u suppost ikun hemm miktub minn project supervisor li sellum qed jaċċettah.

67. Imbagħad f'paġna 37 tax-xhieda tagħha fuq domanda in kontro-eżami hija wieġbet li minħabba fl-esperjenza tagħha taf tgħaraf il-kwalita' tas-slielem li hija tosserva li jkunu qegħdin jintużaw fuq il-post tax-xogħol:

> Xhud: Minn esperjenza li għandi f'dan ix-xogħol u jien ukoll gradwata fl-OHSA.

68. Iżda aktar minn hekk jirriżulta kif f'paġna 30 tax-xhieda tagħha hija tixhed ukoll kif setgħet tosserva li tali sellum ma kienx qiegħed fuq art livellata u għalhekk dan kien ta perikolu ċar ta' korriment. L-istess perikolu ġie dokumentat f'ritratti numru 13 u 14 tal-atti proċesswali u minn dawn ir-ritratti, jidhru evidenti kemm il-pożizzjoni

ħażina tas-sellum in kwistjoni kif ukoll tal-pedament imħarbat li fuqu kien qiegħed jistrieħ.

69. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tistrieh fuq l-opinjoni professjonali ta' din ix-xhud, in kwantu hija tresqet bħala xhud ordinarju. Iżda mill-banda l-oħra l-istess Qorti setgħet tikkonstata, hi stess, inkluż mir-ritratti eżebiti, mhux biss x'tip ta' sellum kienet qegħda ssir riferenza għalih u li kien qed jidher mir-ritratti, daqskemm li tiddetermina hi stess bħala parti mill-apprezzament tal-provi mistenni minnha, jekk dak li kien jidher fir-ritratti kienx sellum adegwat u regolamentari, kif ukoll jekk il-posizzjoni fejn kien jinstab, kif kien jinstab, għal fejn kien jagħti nonche l-użu li kien qiegħed isir minnu f'dak il-post u posizzjoni partikolari kienx adegwat o meno għal dak l-użu jew kienx ritenibbli mhux regolamentari kif imfisser minn dik ix-xhud.

70. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellant li ma tistax tinstab ħtija fl-appellant minħabba l-fatt li dakinhar tas-7 ta' Lulju 2016 ma deher ħadd jagħmel użu minn dan is-sellum. Mill-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti setgħet tħossha sodisfatta li mill-posizzjoni li kien jidher fiha s-sellum, nonche l-posizzjoni li kien imqiegħed fiha, dak is-sellum li nstab fuq il-post tax-xogħol dakinhar tas-7 ta' Lulju 2016 kien tħalla hemm preċiżament fil-posizzjoni li kienet qed issir użu minnu fl-ispazju temporali kontestat lill-appellant fiċ-ċitazzjoni.

71. Dak is-sellum jidher imqiegħed b'mod ċar iserrah ma travett, u f'posizzjoni fejn il-ħaddiema kienu qegħdin jużawh u jitilgħu fuqu biex jaċċedu għall-livell superjuri kif muri fir-ritratt numru 4 fejn hemm ukoll fallakka tal-injam sporġuta l-barra tistrieħ fuq travu tal-injam li ma jirriżultax jekk kienx marbut. Mill-pożizzjoni fejn kien qiegħed jidher li kien qiegħed jintuża proprju għall-iskop li wieħed jaċċedi għal pjan superjuri li minn barra ma jistax jintlaħaq jekk mhux b'dak is-sellum f'dak il-post u f'dak l-ambjent speċifiku li ġie ċensurat mill-Qorti.

72. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment issib ħtija fl-appellant f'din it-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.**

73. Illi din it-tielet imputazzjoni hija bbażata fuq il-ksur tar-Regolament 7(a) tar-Regolamenti maħruġa taħt l-Avviż Legali 281 tal-2004, li jaqra' hekk:

> Meta jkun qed jitwettaq ix-xogħol, il-prinċipji stabbiliti fir-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti tal-2003[13] għandhom ikunu applikati, partikularment fejn jirrigwarda:
>
> (a) li s-sit tal-kostruzzjoni jinżamm tajjeb u fi stat ta' indafa sodisfaċenti;

74. Illi hekk kif ingħad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u tat-tieni parti tal-ewwel imputazzjoni, dawn ir-regolamenti japplikaw u jorbtu lill-appellant BRIFFA bħala dik il-persuna li fuq is-sit in kwistjoni ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kienet qegħda twettaq xi xogħol bħala persuna li timpjega lilha nnifisha u li hija wkoll marbuta bl-istess Avviż Legali 281 tal-2004 li twettaq l-obbligazzjonijiet imsemmija fir-regolament 9. Din id-dispożizzjoni tal-Liġi teżiġi obbligu ġenerali ta' żamma ta' ordni fuq is-sit tax-xogħol in kwantu tali sit irid ikun jinżamm fi stat tajjeb ta' indafa. Terġa' ssir referenza għar-ritratti eżebiti bħala Dok ESS1 partikolarment għal ritratti numru 1, 2, 8 u 10 liema ritratti juru stat ta' diżordni u ħafna imbarazz mitfugħ 'l hawn u 'l hinn.

75. Irid jingħad ukoll li mir-ritratti jidher akkumulu ta' ħmieġ u imbarazz b'mod tali li jindika kif dan kien ilu jinġema' bil-mod il-mod mingħajr attenzjoni u kura għal dak l-obbligu li kien jorbot lill-appellant sabiex is-sit in kwistjoni jinżamm fi stat tajjeb. Mir-ritratti jidher li kien hemm mitfugħ mal-art kull xorta ta' imbarazz, minn imsiemer, għall-injam, għal ġebel, biċċiet tal-ħadid, xkejjer b'tali mod li s-sit in kwistjoni f'ċertu partijiet minnu hekk kif jidher mir-ritratti, donnu kien sar post fejn kien jiġi mormi l-iskart tax-xogħol li kien qiegħed isir f'dak is-sit. F'paġna 32 tax-xhieda tagħha Elizabeth Sharon Saliba tgħid is-segwenti:

> Anke biex tgħaddi daqs kemm hemm imbarazz, aħna ngħidulha lack of housekeeping, hija perikolanti ħafna. Tista' taqa' u titgerbeb. Taqa' ġol-imbarazz li hemm, jista' wieħed iweġġa'.

---

[13] dwar Dispożizzjonijiet Ġeneralidwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

76. Illi fid-dawl ta’ dak mistqarr, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward ukoll ta’ din it-tielet imputazzjoni.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

77. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f’materja ta’ appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita’ li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t’Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone’s Criminal Practice 2004 (supra):
>
> “The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges’ (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ‘...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.” Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly excessive’. This does not, however, cast any doubt on Channell J’s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”[2]

> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

78. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

79. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti.

80. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li l-piena tal-multa imposta kienet taqa’ fil-parametri tal-Liġi in kwantu fl-Artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta jirriżulta li tvarja minn minimum ta’ erba’ mija sitta u ħamsin euro sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda li setgħet titla’ sa’ ħdax il-elf, sitt mija sitta u erbgħin euro sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux inqas minn sentejn jew il-multa u l-priġunerija flimkien. Jekk xejn din il-piena kienet toqrob ferm iżjed lejn il-minimum aktar milli lejn il-massimu tal-multa li setgħet tiġi imposta u dan apparti li ebda forma ta’ priġunerija, sospiża jew effettiva ma ġiet inflitta f’dan il-każ.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**